

Brussell, 22 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10373/18

FISC 268
ECOFIN 646

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9638/18 FISC 242 ECOFIN 556	
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Bulgara kif deskritt fir-rapport tiegħu (dok. 9637/18), b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-impenji meħuda mill-ġurisdizzjonijiet fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ejenkar tal-UE;
2. JAPPROVA l-pakkett ta' ħidma pluriennali l-ġdid ippreżentat fl-anness għar-rapport ta' progress mill-Grupp;
3. JISTAQSI lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmantellament, inkluż fir-rigward tal-ġurisdizzjonijiet eżaminati fl-2017;
4. JINNOTA B'SODISFAZZJON id-diversi inizjattivi meħuda mill-Grupp sa mill-bidu tas-sena biex il-ħidma tiegħu tidher aktar u biex iżid it-trasparenza;
5. JILQA' b'mod partikolari l-pubblikazzjoni ta' ġabra tal-gwida miftiehma mill-Grupp (dok. 5814/1/18 REV 1) u ta' ħarsa ġenerali lejn ir-reġimi tat-taxxa preferenzjali li huwa eżamina sa minn meta nħoloq f'Marzu 1998 (dok. 9639/18), kif ukoll il-pubblikazzjoni tal-ġabriet tal-ittri kollha li jfittxu impenji mill-ġurisdizzjonijiet (dok. 6671/18) u l-ittri ta' impenn li ntbagħtu bi tweġiba fejn ingħata kunsens mill-ġurisdizzjoni kkonċernata (dok. 6972/18);
6. Daqstant ukoll JILQA' l-progress miksub fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-gwida miftiehma, inkluż il-lista ta' prijetà miftiehma mill-Grupp (dok. 6603/18);

7. JISTIEDEN lill-Grupp biex ikompli jesplora miżuri difensivi possibbli li jistgħu jiġu applikati b'mod koordinat għal ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi tal-UE u dik internazzjonali;
 8. JILQA' l-linji gwida ta' proċedura għat-twettiq tal-proċess ta' monitoraġġ tal-impenji fir-rigward tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (dok. 6213/18) miftiehma mill-Grupp fi Frar 2018;
 9. JAPPROVA t-triq 'il quddiem proposta mill-Grupp fir-rigward tar-reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-eżerċizzju tal-elenkar tal-UE;
 10. JAPPROVA d-dokument ta' delimitazzjoni dwar il-kriterju 2.2 li jinsab fl-anness għar-rapport ta' progress mill-Grupp;
 11. JAPPROVA l-gwida dwar l-interpretazzjoni tat-tielet kriterju ppreżentata fl-anness għar-rapport ta' progress mill-Grupp;
 12. JISTIEDEN lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Awstrijaka.
-